# Il-Verb Semitiku Sħiħ

Edwin daħal fl-istudjow ta' wieħed skultur li kien qiegħed jaħdem fuq biċċa rħama kbira.



It-tifel baqa' skantat meta ra dan ir-raġel jagħti bl-iskalpell u bil-martell fuq din il-biċċa rħama bajda, kiesħa. Ma setax jifhem x'qiegħed jagħmel dan ir-raġel jitħabat ma' din l-irħama! Imma billi kien kwiet, Edwin ma qagħadx jistaqsi ħafna domandi. Kompla jħares lejn l-artist jagħti u jagħti bil-martell, u wara ftit telaq 'il barra. Meta tliet ġimgħat wara kellu għalfejn jerġa' jmur lura, it-tifel baqa' aktar skantat għax minflok dik il-biċċa rħama kbira, bajda u kiesħa li kien hemm qabel, ra ljun kbir u sabiħ.

Mar jiġri jsib l-iskultur u, malli rah, staqsieh: "Dan kif kont taf li hemm iljun moħbi f'dik l-irħama?" "L-iljun li hemm f'qalbi ra l-iljun fl-irħama sostna l-iskultur. Għalhekk ħdimt u ħdimt ħalli neħles lill-iljun minn dik l-irħama..."

## Wieġeb:

1. **Ikkopja l-verbi fit-tabella t'hawn isfel u agħti l-mamma u l-għerq tagħhom.**

| Verb | Mamma | Għerq |
|---|---|---|
| daħal | daħal | d-ħ-l |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |

Isem: ______________________ Klassi: _________________

**2. Kompli s-sentenzi bil-verbi torox mill-għeruq li hemm fil-parentesi.**

a. Il-grupp ta' Gianluca ______________ fil-Eurovision, f'Malmo. (d-q-q)



Gianluca f'Malmo l-Isvezja (2013)

b. Gianluca tant tella' affarijiet miegħu li kellu ______________ il-bagalji mhux ftit biex jingħalqulu. (r-s-s)

ċ. Kemm damu f'Malmo rari ______________ ix-xemx għax it-temp inzerta kuljum imsaħħab. (f-ġ-ġ)

d. Biex jidher faqgħa Gianluca ddeċieda li ______________ il-buttuni tas-sidrija. (ħ-l-l)

**3. Kompli s-sentenzi b'verbi kwadrilitteri, mill-għeruq li hemm fil-parentesi.**

a. Kartin kienet tiżbroffa meta Wiġi kien jaqbad ______________ waħdu minn taħt l-ilsien. (g-d-w-d)



Katrin u Wiġi

b. Wiġi, mill-banda l-oħra, tgħidx kemm kien jirrabja meta kien jara lil martu ______________ fil-widnejn. (f-s-f-s)

ċ. Katrin tgħidx kemm ________________ meta Wiġi ma jġibilhiex il-basket li jkollha bżonn meta jkunu ħerġin. (g-r-g-r)

d. It-tfal ta' Katrina tgħidx kemm iħobbu ________________, tant li jieħdu moħħ kulħadd. (p-ċ-p-ċ)

e. Katrin ma kinitx waħda minn dawk li jħobbu ______________ saqajhom u sal-għaxra kien ikollha l-qadi kollu lest u l-borma diġà ______________. (k-x-k-r) (t-k-t-k)

Isem: ______________________ Klassi: ________________